**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. DAVID SCICLUNA LL.D., MAG.JUR. (EUR.LAW)**

**Seduta ta' nhar-it Tlieta 12 ta' Diċembru 2017**

**App. Nru. 306/12 DS**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Alexander Scudamore**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra Alexander Scudamore, karta ta' l-identita` numru 458986(M), quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli f'Marzu 2009 u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gżejjer, personalment jew fil-kapaċita` tiegħu bħala direttur tal-kumpanija Alex Ltd.:

(1) b'mezz ta' rigali, wegħdiet jew b'xi mod li jkun, xjentement għen jew assista lill-awturi tad-delitt, fl-atti li bihom ikkorrompew uffiċjal fid-Dipartiment tal-VAT, u minħabba dan, dan l-uffiċjal fid-Dipartiment tal-VAT naqas li jagħmel dak li kien fid-dmir tiegħu li jagħmel;

(2) fl-istess dati, lokalitajiet, ċirkostanzi, talab, irċieva jew aċċetta xi offerta jew wegħda ta' xi vantaġġ mhux xieraq għalih innifsu jew għal xi ħaddieħor bil-

għan li jeżerċita xi influwenza mhux xierqa bħalma hemm imsemmi fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 121QA tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

(3) fl-istess dati, lokalitajiet, ċirkostanzi, b'mezz ta' rigali, wegħdiet jew b'xi mod li jkun, xjentement għen jew assista lill-awturi tad-delitt fl-atti li bihom, dawn b'mezzi kontra l-liġi jew billi għamlu użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdew b'qerq ieħor, ingann, jew billi wrew ħaġa b'oħra sabiex iġġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila jew setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamlu qliegħ b'qerq ta' aktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) għad-dannu tal-Gvern ta' Malta;

(4) fl-istess dati, lokalitajiet, ċirkostanzi, b'mezz ta' rigali, wegħdiet jew b'xi mod li jkun xjentement għen jew assista lill-awturi tad-delitt fl-atti li bihom, sabiex jinkiseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorita` pubblika, xjentement għamlu dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew taw tagħrif falz;

(5) fl-istess dati, lokalitajiet, ċirkostanzi, b'mezz ta' rigali, wegħdiet jew b'xi mod li jkun, xjentement għen jew assista lill-awturi tad-delitt fl-atti li bihom għamlu xi denunzja, dikjarazzjoni jew taw tagħrif meħtieġ għal xi wieħed mill-għanijiet ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud li kienu jafu li ma kinux korretti jew qarrieqi f'xi rigward materjali.

B'hekk sar reċidiv ai termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) liema sentenzi saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex tapplika *mutatis mutandis* id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 5 ta' l-Att kontra l-Money Laundering, Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta, hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 23A(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet ukoll mitluba sabiex fil-każ ta' ħtija, barra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mil-liġi, tordna il-konfiska ta' l-oġġetti kollha esebiti.

Il-Qorti ġiet anke mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-imsemmi Alexander Scudamore għall-ħlas ta' l-ispejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-5 ta' Ġunju 2012 li permezz tagħha l-ewwel Qorti ma sabitx lill-

imsemmi Alexander Scudamore ħati ta' l-ewwel imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u lliberatu minnha, u filwaqt li astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni imputazzjoni, wara li rat l-artikolu 18, 42, 188, 308, 309, 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 77(b) tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill-imsemmi Alexander Scudamore ħati ta'l-imputazzjonijiet l-oħra miġjuba kontra tiegħu, u kkundannatu seba' (7) xhur priġunerija. Inoltre b'applikazzjoni ta' l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 ikkundannatu ukoll biex fi żmien sena jħallas lir-Reġistratur ta' dik il-Qorti s-somma ta' €1,542 rappreżentanti spejjeż in konnessjoni mal-ħatra ta' esperti;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' l-istess Alexander Scudamore ppreżentat fil-15 ta' Ġunju 2012 li permezz tiegħu talab li din il-Qorti tibdel u tvarja s-sentenza appellata billi, filwaqt li tikkonfermaha fil-parti liberatorja tagħha fejn sabitu mhux ħati tal-ewwel imputazzjoni u tikkonfermaha fejn iddikjarat illi ma hiiex ser tieħu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni, tirrevoka l-istess sentenza appellata kwantu s-sejbien ta' ħtija taħt it-tielet, ir-raba' u l-ħames imputazzjonijiet billi tiddikjarah mhux ħati u minnhom tilliberah minn kull ħtija u piena; u rigwardanti l-piena, subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-aggravji dwar il-mertu, f'każ li din il-Qorti tikkonferma l-ħtija, illi tvarja u timmodifika s-sentenza appellata kwantu piena billi tiddikjara illi l-artikolu 50 tal-Kodiċi Kriminali ma jirriżultax pruvat u tinfliġġi piena aktar ekwa u ġusta skond il-każ;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet; rat il-fedina penali aġġornata ta' l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** Dan l-appell jirrikjedi apprezzament mill-ġdid tal-provi. F'dan ir-rigward il-ġurisprudenza in materja ta' din il-Qorti hi ċara u kostanti fis-sens li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi li tkun għamlet l-ewwel Qorti jekk mhux għal raġunijiet gravi, b'mod li din il-Qorti tirrevedi l-apprezzament ta' dik il-Qorti fl-eventwalita` biss li l-ewwel Qorti ma setgħetx raġjonevolment u legalment tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom fuq l-iskorta tal-provi prodotti.

**7.** F'dan il-każ jirriżulta li l-appellant li kien jiġġestixxi ristorant bl-isem Bouzuki, kien ġie avviċinat minn ċertu Alfred Mallia li qallu li seta' jgħinu fil-problemi li kellu l-appellant mad-Dipartiment tal-VAT. Għall-bidu talbu €10,000 biex jgħinu. L-appellant jgħid "On hearing this I started realizing that something was not quite right." Huwa għadda lil Mallia żewġ returns li kien imlielu l-accountant u li ffirma hu u li jgħid kienu jirrispekkjaw dak li verament kien dovut lid-Dipartiment. Sussegwentement Mallia talbu elfejn euro oħra li l-appellant tah ukoll. Wara Mallia rritornalu r-returns u print out mid-Dipartiment li kien jindika li kien hemm biss bilanċ favur id-Dipartiment ta' €262.23.

**8.** Għalkemm l-appellant jgħid li fil-bidu ma kienx jaf li l-flus ma kinux se jintużaw biex jitħallas parti mid-dejn tiegħu mad-Dipartiment, din il-Qorti ma taħsibx li l-appellant ma kienx jaf li sabiex jasal fi ftehim ma' dipartiment governattiv, id-diskussjonijiet u transazzjonijiet ma jsirux bil-modalita` li saret f'dan il-każ. Imbagħad Fil-fehma ta' din il-Qorti, għalkemm ma tagħmilx differenza jekk sarux return wieħed jew tnejn inveritjeri, din il-Qorti ma tarax li m'għandhiex temmen lill-appellant meta qal li ra żewġ returns li ma kinux mimlijin minnu. Fil-fatt din il-Qorti eżaminat id-dokumenti esebiti a fol. 59 sa 63 tal-proċess u huwa evidenti li tnejn minn dawn ir-returns – dawk a fol. 61 u 62 – m'għandhomx il-firma ta' l-appellant u l-kalligrafija hi differenti minn dik fid-dokumenti l-oħra.

**9.** Dak li wisq probabli ġara hu li minflok ir-returns li kien għad ma ppreżentax u li hu għadda lil Mallia, ġew sostitwiti r-returns a fol. 61 u 62.

**10.** Din il-Qorti ma taqbilx hawnhekk li ma kienx jeżisti *a common design*. Taċċetta li probabilment l-appellant u Mallia ma qagħdux jidħlu fid-dettall ta' dak li kien se jsir iżda l-appellant kien konxju illi meta għadda r-returns oriġinali lil Mallia, dan ma sarx biex ikompli jipperpetwa d-dejn li jilmenta li kellu mad-Dipariment. Jirriżulta għalhekk li l-appellant meta għadda lil Mallia r-returns oriġinali, huwa għen jew assista lill-awturi tar-reati addebitati lilu biex jitwettqu r-reati kontemplati fit-tielet, ir-raba' u l-ħames imputazzjonijiet u li dwarhom ħallas mhux anqas minn €12,000.

**11.** Kwantu għall-aggravju li jirrigwarda r-reċidiva, l-appellant għandu raġun. Ma jirriżultax mill-atti li huwa ħallas il-multa ta' €175 inflitta bis-sentenza li permezz tagħha ġiet attribwita lilu r-reċidiva. Konsegwentement l-artikolu 50 tal-Kodiċi Kriminali mhux applikabbli.

**12.** Kwantu għall-piena din il-Qorti tinnota li l-appellant, għalkemm jidher li dan kien wara li kien bagħat għalih l-Ispettur investigattiv, mar minn jeddu d-Dipartiment tal-VAT sabiex isewwi l-iżball li għamel

**13.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu kkundannatu seba' xhur priġunerija effettivi u minflok, wara li rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali, tikkundannah seba' xhur priġunerija b'dan li s-sentenza ma għandhiex tibda sseħħ ħlief jekk matul il-perijodu ta' sena millum huwa jikkommetti reat ieħor li għalih hemm il-piena ta' priġunerija. Din il-Qorti spjegat lill-appellant bi kliem ċar ir-responsabbilta` tiegħu taħt l-artikolu 28B tal-Kap. 9 jekk huwa jikkommetti matul il-perijodu operattiv reat li għalih hemm piena ta' priġunerija. Tattira l-attenzjoni tar-

Reġistratur tal-Qorti għad-dmirijiet tiegħu skond is-subartikolu (8) ta' l-artikolu 28A tal-Kap. 9. Tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.